MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2011

Numru. 306/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**
**KONTRA**

**RAYMOND FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Raymond Farrugia ta’ 54 sena, bin Emanuele u Antonia nee’ Polidano, mwieled B’Bugia nhar il- 15 ta’ Frar 1957, residenti 15, Misrah is- Summit, B’Bugia u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 162057M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) fid- 19 ta’ Settembru 2010 ghal habta tal-00.15hrs fi Triq B’Bugia, B’Bugia volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe’ vettura bin-numru ta’ registrazzjoni KBA 634, liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix l- €1,164.69 imma huwa aktar minn 116.47 ghad- detriment ta’ Victor Camilleri;

2) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna hsara fil- gisem u fis- sahha billi kkaguna ferita ta’ natura hafifa fuq Victor Camilleri;

3) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna ferita ta’ natura hafifa fuq Elizabeth Woodhead skont kif iccertifika Dr. Mario Abela MD 1852 mic- Centru tas- Sahha ta’ Rahal Gdid;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Fil-lejl ta’ bejn it-18 u d-19 ta’ Settembru, 2010, fil-lokalita’ indikata, inqala’ argument bejn l-imputat u s-siehba tieghu, Elisabeth Woodhead, u gie involut fl-argument certu Victor Camilleri. Dawn it-tlitt persuni gew fl-idejn, u l-vettura ta’ Camilleri sarilha hsara fuqha. Din il-Qorti semghet li kemm Woodhead kif ukol Camilleri kienu qed jirrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali kontra l-imputat, ghalhekk ma kien hemm ebda prova kontrih dwar il-griehi

allegatament sofferti minnhom. Il-Qorti semghet ukoll li ma kien hemm ebda prova li l-imputat ghamel hsara volontarja fuq il-vettura ta' Camilleri, peress illi l-provi kienu kollha detto del detto u ma kellhom ebda konnessjoni diretta mal-imputat. Il-verzjoni ta' fatti kif graw skond l-imputat jinsabu kollha kontenuti fl-istqarrija tieghu esebita fl-atti, izda peress illi hemm rinunzja ghall-azzjoni kriminali kif gia' indikat qabel, din il-Qorti m'ghadhiex ghalfejn tiddilunga z-zejjed.

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, it-tieni u t-tielet imputazzjoni ser jigu dikjarati procediment ezawrit, in vista tad-dikjarazzjoni ta' rinunzja da parti ta' Woodhead u Camilleri, mentri l-imputa ser jigi liberat mill-ewwel imputazzjoni stante nuqqas ta' provi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 325, 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati tal- ewwel (1) akkuza u ghaldaqstant tilliberah. Tiddikjara t- tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi procediment ezawrit.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------